MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 263/2012

Appell Numru: 263/2012

Il-Pulizija

[Spettur Kyle Borg]

Vs

Christopher Ryan

*Omissis*

Illum, 10 ta' April, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Christopher Ryan u *Omissis*, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 297494M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Novembru 2011;

(i) sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innfushom jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

(ii) ghamlu dikjarazzjoni falza, jew taw taghrif falz jew ipproducew xi dokument falz meta kienu jafu li dan huwa falz;

(iii) bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' falsifikazzjoni, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, ghalkemm id-delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta ta l-imputati;

(iv) nhar l- 11 ta' Novembru 2011 gewwa l-Ufficcju Elettorali, Evans Building, il-Belt Valletta, halfu l-falz quddiem ufficjal li kellha s-setgha b'ligi li taghti l-gurament cioè WPC 153 Dorothea Attard.

Christopher Ryan wahdu akkuzat talli;

(v) rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra;

(vi) ghamel reat li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija, waqt perjodu operattiv ta'sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn, moghtija mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D nhar l-20/09/2011 liema sentenza sospiza giet estiza ghall erba snin mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna nhar l-10 ta' Ottubru 2011.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti Rat l-Artikolu 188(2), 41 (a), 108 (1) (b) u 176 (b) (h) tal-Kap 9 fil-konfront tal-imputat Christopher Ryan wahdu.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggihom taht il-harsien ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Spiegat ir-responsabilita' lill-imputati skond is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 ta' Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn sabet lill-appellati Christopher Ryan u *Omissi* hatja ta' l-akkuzi migjuba konrih, u tikkonferma fil-parti fejn poggiet lill hati *Omissis* that ordni ta' Ufficjal ta' probation ghall-perjodu ta' tlett snin u;
Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil hati Christopher Ryan li joqghod that ordni ta' ufficjal tal-Probation ghal-tlett snin u minflok;

Tinfliggi piena karcerarja immedjata skond il-ligi tar-reati li gie misjuba hati kif ukoll li tordna li jibdew isehhu l-pieni taz-zewg sentenzi sospizi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet tpoggi lill-hati Christopher Ryan taht il-harsien ta' Ufficjal tal-Probation ghall-peijodu ta' tlett snin.

Illi l-hati Christopher Ryan gie misjub hati tali huwa recidiv kif ukoll talli ghamel reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiva ta' zewg sentenzi sospizi, moghtija nhar 1-20 ta' Settembru 2011 u nhar 1-10 ta' Ottubru 2011.

Illi ghahekk il-hati Christopher Ryan minhabba li kien recidiv u kien ghamel reat waqt perjodu ta' zewg sentenzi sospizi kellu bil-fors jinghata sentenza ta' prigunerija immedjata.

Illi l-hati Christopher Ryan gie misjub hati talli ghamel reat waqt perjodu ta' zewg sentenzi sospizi.

Illi skont l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali:

**28B.** (1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ.

Illi ghalhekk l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha kienet obbligata li ssegwi d-dettami ta' l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali u kellha tordna li z-zewg sentenzi sospizi ghandhom jibdew issehhu immedjatament.

Illi l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446, jaghmel cara li ordni ta' probation tista issir jekk jintlahhqu l-kriterji koliha necessarji u dawn ghandhom jigu ddikjarati b'mod car fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti li ma sarx:

(2) Kull ordni magħmula skont is-subartikolu (1) għandha biss issir jekk:

(*a*) persuna tiġi dikjarata ħatja ta′ reat, li ma jkunx reat punibbli biss b′multa jew ammenda, u għax ma jkunx reat li apparti minn kull żjieda fil-piena minħabba f′li jkun wieħed li jkompli jew f′dikjarazzjonijiet ta′ ħtija preċedenti, li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien mhux iktar minn seba′ snin; u

(*b*) il-qorti tkun sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal tal-*probation* tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-ħati u, jew jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista′ jagħmel il-ħati jew li jiġi prevenut l-għemil ta′ reati oħra; u

(*ċ*) fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u lkarattru tal-ħati, il-ħruġ ta′ dik l-ordni jkun adatt:

Iżda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b′mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta′ *probation* fil-każ ta′ reat li, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta′ ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba′ snin iżda mhux għaxar snin, il-qorti tista′ tagħmel ordni ta′ *probation*:

Illi fic-cirkostanzi ta′ dan il-kaz, meta ghandna persuna hati sitt (6) reati, huwa recidiv, ghandu kawzi ohra pendenti u kiser zewg sentenzi sospizi certament il-vot rikjest fi-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 ma ntlahhaqx u l-Onorabbli Qorti kellha taghti sentenza karcerarja effettiva.

Ghalhekk il-piena erogata mill-ewwel Qorti ma kienitx fix-xorta jew. fil-kwantita′ taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi l-appellat Christopher Rayan ha gurament falz u iffirma dokumenti f'dan ir-rigward li kien tilef karta tal-identità personali tieghu meta dan ma kien minnu xejn. Illi wara li ghamel din id-dikjarazzjoni ipproceda biex jittiehu ritratti mill-gdid, il-guvni li dahal ghar-ritratt ma kienx Christopher Rayan izda kien Bradley McKay. Kien ghalhekk illi l-appellat gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi in konnessjoni ma' dan ir-reat. Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Mejju tal-elfejn u tnax (2012) l-appellat wiegeb illi huwa hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u l-Qorti ghaddiet biex tinfliggi s-sentenza u wara illi sabitu hati qieghditu fuq probation ghal tlett (3) snin fl-isfond tal-artikolu 7 tal-Kap. 446.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi ma kinitx fix-xorta jew kwantità taghha dik kontemplata bil-ligi ghar-reat illi dwarhom l-appellat gie ikkundannat. L-akkuzi li ghalihom wiegeb illi kien hati jinkludu wkoll illi l-appellat kien recidiv u illi ghamel reat illi ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospiza moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) u fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tal-elfejn u hdax (2011) u ghalhekk peress illi l-appellat kien recidiv u li ghamel reat waqt perjodu ta' zewg sentenzi sospizi, l-Avukat Generali argumenta illi bilfors kellha tinghata sentenza ta' prigunerija immedjata.

Ikkunsidrat:

Teknikament l-Avukat Generali ghandu ragun bl-argumenti migjuba fir-rikors tal-appell u l-appellat kellu jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva. Il-Qorti però ma tistax tinjora l-fatt illi l-appellat kellu biss sbatax-il (17) sena meta wettaq dan ir-reat. Lanqs ma tista' tinjora l-appell tal-probation officer Gordon Grech meta qal illi l-appellat kellu diversi issues illi ma kinux jafu bihom però llum dawn gew indirizzati u sejjer sewwa. Dana nonostante illi l-appellat qieghed il-habs izda jidher illi rriforma

ruhu u d-diffikultajiet illi kellu qabel gew sorvolati. Ghalhekk il-Qorti ma tixtieqx illi tkompli tghakkes lill-appellat b'sentenzi ohra ta' priguneriji illi jistghu jkunu ta' detriment kemm ghalih kif ukoll ghas-socjetà li taghha jaghmel parti.

Fil-kawza Pulizija versus George Farrugia deciza mill-Qorti tal-Appell fit-tmintax (18) ta' Jannar tal-elfejn u wiehed u iehor (2001) kif konfermata fil-kawza Pulizija versus Ritmar Patterly et tad-disgha (9) ta' Ottubru tal-elfejn u tmienja (2008) intqal, "Anki fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-cirku ta' kundanni u ta' prigunerija." U dana huwa proprju dak illi tixtieq taghmel din il-Qorti u ghalhekk taghmel riferenza ghall-artikolu 7(2)(b) tal-Kap. 446 fejn il-Qorti tista' taghmel ordni ta' probation jekk tkun sodisfatta li s-sorveljanza tal-hati minn ufficcjal tal-probation tkun mixtieqa fl-interess li tigi assigurata r-riabilitazzjoni tal-hati ...". Ix-xhieda tal-probation officer Gordon Grech hija ta' inkoraggiment ghal din il-Qorti illi taghtih opportunità illi jkompli jsegwi lill-appellat u jara illi jibqa' fit-triq it-tajba. L-appellat, però jrid jirrealizza illi jekk ma jikkoperax u ma joqghodx ghall-ordnijiet tal-probation officer dan tal-ahhar jista' jaghmel denunzja fejn dak kollu illi sar fil-konfront tal-appellat jigi negat b'decizjoni ohra tal-Qorti li din id-darba tkun tinkludi piena ta' prigunerija effettiva. Imma ghalissa din il-Qorti jidhrilha illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

----------------------------------TMIEM----------------------------------